MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Numru 646/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**Spettur Angelo Caruana**
**v**

**DOUGLAS DESIRA**
**PATRICK KINMONT**

**Seduta ta' llum, 2 ta’ Novembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **DOUGLAS DESIRA** ta' tnejn u tletin sena bin Charles u Gaetana nee Vella, imwieled Pieta nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 1971 u joqghod 7, 'Chargate', Triq l-Imdina, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 157971M u **PATRICK KINMONT** ta' sitta w tletin sena bin missier mhux maghruf u Emily Kinmont, imwieled Sliema nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 1966 u joqghod

17, Sqaq San Pawl, B’Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 509666M, gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha, nhar t-tnejn ta' Awissu 2003, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu, ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb, arlogg tal-marka Longines u mobile phone tal-marka Samsung minn fuq il-persuna ta’ Emanuel Meli, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bil-hin u li sehh ghad-dannu ta’ l-imsemmi Emanuel Meli;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hadu f’idejhom funzjoni pubblika, sew civili jew militar, minghajr ma kellhom jedd ghaliha w ezercitaw xi att ta’ dik l-funzjoni billi ppresentaw ruhhom bhala Pulizija w elevaw l-arlogg, l-mobile u gizirana minghand Emanuel Meli;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil istess Emanuel Meli kontra l-volunta tieghu;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbbli u cioe hsarat fil-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni KKK 307 liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira maltin u li saret ghad-dannu ta’ Emanuel Meli;

5. Talli fit-tlieta ta’ Awissu 2003, u matul ix-xhur ta’ qabel din d-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom; u

6. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkommettew r-reati hawn fuq imsemmija meta bhala ufficjali jew impjegati pubblici, huma kellhom jissorveljaw biex dawn ma jsirux jew minhabba l-kariga taghhom kellhom d-dmir li jimpedixxu.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta nhar l-hmistax ta’ Jannar 2004 a fol 76.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-sieduta tal-wiehed w ghoxrin ta’ April 2004 a fol 79 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tlettax ta’ Lulju 2005, meta l-Prosekuzzjoni kienet diga ghalqet l-provi taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif ammessi minnhom salv ghal akkuza ta’ ricettazzjoni ghaliex din inghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ta’serq.

Illi dakinhar stess tat-tlettax ta’ Lulju 2005, din il-Qorti giet mitluba sabiex tinnomina Probation Officers sabiex jhejju pre sentencing inquiry report fil-konfront taz-zewg imputati ui ghal dan l-ghan, il-Qorti nnominat lil Trevor Calafato sabiex ihejji r-rapport dwar l-imputat Douglas Desira u lil John Testa sabiex ihejji r-rapport dwar l-imputat Patrick Kinmont.

Illi nhar s-sebgha ta’ Settembru 2005 l-Probation Officer Trevor Calafato ippresenta u halef r-rapport tieghu fil-konfront tal-imputat Douglas Desira li gie mmarkat bhala dokument TC [fol 104] u l-Probation Officer John Testa ippresenta u halef r-rapport tieghu fil-konfront tal-imputat Patrick Kinmont li gie mmarkat bhala dokument JT [fol 124].

Illi minn ezami tar-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato fil-konfront tal-imputat Douglas Desira, dan kien tal-opinjoni li din il-Qorti m’ghandiex taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza ghaliex b’hekk Douglas Desira jista jitlef l-impjieg tieghu mal-Forzi Armati ta’ Malta, fejn ilu impjegat sa mis-sena 1994 w ghalhekk kien tal-fehma li din il-Qorti ghandha tikkonsidra sentenza fil-komunita b’supervizzjoni fil-massimu taghha.

Dwar l-ko-akkuzat Patrick Kinmont, il-Qorti rat r-rapport tal-Probation Officer John Testa u jirrizulta minn ezami tal-istess li l-Ufficjal tal-Probation qed jissuggerixxi lil Qorti taghti sentenza fil-komunita b’supervizzjoni bir-rakkomandazzjoni li dan jibqa ngaggat mal-Forzi Armati ta’ Malta fejn ilu mpjegat sa mis-sena 1989 u sabiex l-imsemmi Patrick Kinmont izomm kuntatt mal-Alcohol Services.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni taz-zewg imputati, ghalkemm mhux registrata fil-bidu nett ta’ dawn il-proceduri;

2. Il-ko-operazzjoni shiha taz-zewg imputati mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

3. Il-fatt li l-imputati ghamlu tajjeb ghal hsarat kollha sofferti minn Emanuel Meli u dan ghaliex seduta stante hallsu lil vittma ghas-saldu tal-pretenzjoni tieghu u li r-res furtiva giet ritornata lura lis-sid legittimu taghha kif jirrizulta mill-erbal maghmul mill-Prosekuzzjoni seduta stante, w ghalhekk is-socjeta ma sofriet ebda danni materjali;

4. Ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjali tal-Probation John Testa u Trevor Calafato.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 84, 86, 87, 325,

334 u 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib liz-zewg imputati DOULGAS DESIRA u PATRICK KINMONT hatja tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront taghhom, salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' ricettazzjoni, mill-liema akkuza din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni,** u tiddecidi li tpoggihom taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzommu boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Ghandhom, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi z-zewg imputati probationers ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment huma ghandhom, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievu zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedu;**

**3. Illi z-zewg imputati probationers ghandhom jghixu fir-residenza taghhom tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkunu jistghu jbiddlu tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi z-zewg imputati probationers ghandhom jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers.**

**5. Fil-kaz tal-imputat probationer PATRICK KINMONT, dan ghandu jzomm kuntatt regolari mal-Agenzija tal-Alcohol Services.**
Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati probationers u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u z-zewg imputati probationers iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti tordna wkoll fil-konfront taz-zewg imputati DOULGAS DESIRA u PATRICK KINMONT, stante li huma ufficjali pubblici, l-interdizzjoni generali perpetwa taghhom w ghalhekk tordna li ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, s-sentenza tal-kundanna ghal interdizzjoni generali perpetwa li ordnat fil-konfront taghhom, tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u ghalhekk tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi wkoll notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb li ssir il-pubblikazzjoni hekk ordnata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------